**PRIM` AWLA TAL-QORTI CIVILI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**Illum il-Hamis, 25 ta` Frar 2021**

**Kawza Nru. 3**
**Rik. Gur. Nru. 104/2019 JZM**

**Elton John Mifsud (KI 90582M)**

***kontra***

**Port Workers Board**

***u***

**l-Awtorita`ghat-Trasport f`Malta**

***u***

**b`digriet tal-5 ta` Gunju 2019 Malta Dockers Union (reg. Nru 287) giet awtorizzata tintervjeni fil-kawza *in statu et terminis***

***u***

**b`digriet tat-3 ta` Dicembru 2019 gie msejjah fil-kawza l-**

**Avukat Generali, b` digriet tas-7 ta` Lulju 2020 l-isem "Avukat Generali" gie sostitwit bl-"Avukat tal-Istat"**

**Il-Qorti :**

**I. <u>Preliminari</u>**

Rat ir-rikors guramentat li kien prezentat fl-4 ta` Frar 2019 li jaqra :–

*1. Illi missier l-esponent, Vincent Mifsud, kien haddiem licenzjat tal-Port u dan sa mis-sena (circa) 1962 sakemm irtira biz-zmien fis-sena 1996. Huwa komunament maghruf, u dan anke` mill-intimati stess, illi Vincent Mifsud, detentur tal-licenzja tal-Port numru 410 wettaq is-servizz tieghu fil-Port u b`hila u b`lealtà kbira.*

*2. Illi madankollu l-istess Vincent Mifsud ma setax jirregistra lill-ibnu l-esponent biex jiret il-pozizzjoni tieghu skont il-ligi u dan ghaliex fiz-zmien li rtira l-esponent kellu hmistax-il sena u kwindi ma kienx tal-eta`. Ta` min ifakkar illi s-sistema` li kienet tithaddem fil-Port hija simili ghal sistema "closed shop" u dana billi d-dritt tax-xoghol jintiret mill-genitur favur l-akbar mill-ulied (ara Regolament 13 ta` L.S. 171.02).*

*3. Illi ghaldaqstant, ghal dawn l-ahhar tnax-il sena, l-esponent gie kostrett jahdem il-Port bhala "casual worker".*

*4. Illi recentement iddahhal fis-sehh l-Avviz Legali 135 tas-sena 2017 li ssostitwixxa r-Regolament 14 tar-Regolamenti Dwar il-Haddiema tal-Port (L.S. 171.02 tal-Ligijiet ta` Malta). B`din is-sostituzzjoni ulied li, bhall-esponent, kienu minuri meta waqaf missierhom mix-xoghol inghataw id-dritt tal-wirt, bid-differenza illi l-Avviz Legali appena indikat ma hasibx ghall-qaghda tal-esponent u b`hekk issa ftit li xejn ghandu tama li huwa qatt ser ikun jista` jigi impjegat bhala haddiem licenzjat tax-Xatt.*

*5. Illi din is-sitwazzjoni hija ghal kollox diskriminatorja kontra l-esponent, anke` meta tqis illi bis-sahha ta` dawn l-emendi inholqu sitwazzjonijiet fejn certu haddiema sa` ankè jibbenefikaw minn akatar minn wirt wiehed, u jekk il-qaghda, kif mahsuba fl-Avviz Legali indikat ser tibqa` tithalla tithaddem kif inhi, u minghajr ma tinghata l-opportunita` lill-esponent biex jagevola ruhu minnha kif hekk bi dritt imiss lilu, huwa ser isofri ingustizzja u jitqieghed f`posizzjoni ta` inikwita`.*

*Jghidu ghalhekk l-intimati ghalfejn m`ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, ghar-ragunijiet premessi, u prevja kwalsijasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna :-*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-esponent qed jigi avversament diskriminat bit-thaddim tal-ligijiet u/jew policies vigenti, senjatament ir-Regolamenti Dwar il-Haddiema tal-Port (L.S. 171.02) kif emendat bl-Avviz Legali Nru. 135 tas-sena 2017 u dana billi huwa qieghed jigi ingustament imcahhad milli jigi registrat fuq ir-Registru tal-Haddiema tal-Port u/jew jinghata il-licenzja li jisthoqqlu bi dritt.*

*2. Tiddikjara u tiddeciedi ghalhekk illi l-esponent ghandu jkollu d-dritt li ismu jitnizzel fuq ir-Registru tal-Haddiema tal-Port u/jew jinghata l-licenzja a tenur tal-Port Workers Ordinance (Kap. 171 tal-Ligijiet ta` Malta).*

*Bl-ispejjes tal-prezenti u tal-Protest Gudizzjarju Nru. 297/2017 PA tat-22 ta` Settembru 2017 u bir-rizerva ghal kull azzjoni ohra kontra l-intimati jew min minnhom, li qed jigu minn issa ingunti in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attur.

Rat ir-risposta guramentata prezentata mill-konvenuti Port Workers Board u l-Awtorita` ghat-Trasport f`Malta fil-<u>11 ta` Marzu 2019</u> li taqra :-

*1. Illi preliminarjament, il-konvenuti mhumiex il-legittimi kontradditturi ghall-ilmenti tal-attur, u dan ghaliex jidher illi l-lanjanzi tieghu huma msejsa fuq allegata diskriminazzjoni mahluqa mil-ligijiet u*

*regolamenti applikabbli, fosthom ir-Regolamenti Dwar il-Haddiema tal-Port (L.S. 171.02 tal-Ligijiet ta` Malta) u l-emendi introdotti bl-Avviz Legali 135 tas-sena 2017. Huwa pacifiku u gie anke rikonoxxut mill-Qrati nostrani illi la hija l-Awtorita u lanqas il-Bord illi jippromulga tali ligijiet u regolamenti, izda semmai l-Gvern Centrali jew il-Ministru responsabbli, u dan inter alia ai termini tal-Artiklu 17 tal-Ordinanza dwar il-Haddiema tal-Port.*

*2. Illi l-konvenuti jsostnu fil-fatt illi fil-konfront tal-attur huma dejjem imxew b`mod korrett skont il-ligijiet u regolamenti applikabbli, u minghajr ebda forma ta` diskriminazzjoni, kif inhuwa, del resto, l-obbligu taghhom. Madanakollu, mhuwiex fil-poter u diskrezzjoni taghhom li jaghtu lill-attur drittijiet illi, skont il-ligi, m`ghandux.*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenuti jichdu illi l-ligijiet u regolamenti applikabbli joholqu diskriminazzjoni fis-sens li tifhem il-ligi. Huwa ben not illi s-semplici fatt illi ligi tohloq cut-off date bil-konsegwenza li tapplika ghal certi individwi u mhux ohrajn, ma jissarrafx necessarjament f` "diskriminazzjoni".*

*4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur irid igib prova illi huwa wettaq dak kollu li kellu jaghmel skont il-ligi sabiex jirriserva u jikkawtela d-drittijiet tieghu kif jirrizultaw mir-Regolamenti applikabbli. F`dan ir-rigward, kif se jintwera fil-mori tal-proceduri, jidher illi l-attur kien naqas milli jsegwi l-proceduri applikabbli matul is-snin illi kienu kieku jintitolawh jirregistra l-interess tieghu bhala haddiem prospettiv tal-port.*

*5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Dikjarazzjoni ta` fatti ai termini tal-Artikolu 158(3)(c) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta :*

*1.1 Preliminarjament, il-konvenuti mhumiex il-legittimi kontradittur ghall-ilmenti tal-attur, u dan ghaliex jidher illi l-lanjanzi tieghu huma msejsa fuq allegata diskriminazzjoni mahluqa mil-ligijiet u regolamenti applikabbli, fosthom ir-Regolamenti Dwar il-Haddiema tal-Port (L.S. 171.02 tal-Ligijiet ta` Malta) u l-emendi introdotti bl-Avviz Legali 135 tas-sena 2017.*

*2.1 Minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenuti jsostnu illi fil-konfront tal-atturi huma dejjem imxew b`mod korrett skont il-ligijiet u regolamenti applikabbli, kif inhuwa, del resto, l-obbligu taghhom.*

*2.2 Illi, madanakollu, mhuwiex fil-poter u diskrezzjoni tal-konvenuti li jaghtu lill-attur drittijiet illi, skont il-ligi, m`ghandux jew inkella drittijiet illi huwa seta` tilef b`nuqqas tieghu kif se jigi spjegat aktar tard.*

*3.1 Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenuti jichdu illi l-ligijiet u regolamenti applikabbli joholqu diskriminazzjoni fis-sens li tifhem il-ligi. Huwa ben not illi s-semplici fatt illi ligi tohloq cut-off date bil-konsegwenza li tapplika ghal certi individwi u mhux ohrajn, ma jissarrafx necessarjament f` "diskriminazzjoni".*

*4.1 Bla hsara ghal dak li ntqal, l-attur jehtieglu jgib prova illi huwa wettaq dak kollu li kellu jaghmel skont il-ligi sabiex jirriserva u jikkawtela d-drittijiet tieghu kif jirrizultaw mir-Regolamenti applikabbli. Kemm hu hekk, minn tiftix illi ghamlu l-konvenuti, jirrizulta illi l-attur naqas milli jezercita drittijiet illi l-ligi kienet taghtih matul is-snin.*

*4.2 Jidher illi meta rtira Vincent Mifsud, cjoe` missier l-attur Elton John Mifsud, nhar is-26 ta` Gunju, 1996, Elton John Mifsud ma kienx intitolat illi jiret xi drittijiet minghand missieru fid-data ta` irtirar tieghu. Dan mhux ghaliex ma kinitx applikabbli s-sistema tal-wirt, izda ghaliex dak iz-zmien kellu hmistax-il sena u, skont il-ligi kif applikabbli dak iz-zmien, is-sistema tal-wirt kienet tapplika biss mill-età ta` tmintax-il sena `l fuq.*

*4.3 B`zieda ma dan il-ligi kif vigenti fid-data tal-irtirar ta` Vincent Mifsud, u cjoè r-Regolamenti dwar Haddiema tal-Port tal-1993, kienet taghti dritt lis-subien li jkun ghadhom minuri ta` haddiema tal-port sabiex jirregistraw l-interess taghhom fir-Registru tal-Haddiema tal-Port Prospettivi, u dan kellhom jaghmluh fi zmien xahar mill-mewt jew irtirar ta` missieru, skont il-kaz, u wara dan kellu jibqa` jgedded dik-ir-registrazzjoni fix-xahar ta` Jannar ta` kull sena. "Iben minuri" kienet tfisser persuna li tkun l-akbar iben ta` haddiem tal-port registrat li jmut fil-waqt li jkun hekk registrat jew li jirtira minn xoghol tal-port meta jilhaq l-età tal-irtir u li tkun `il fuq mis-sittax izda inqas*

*taht it-tmintax-il sena fiz-zmien li fih missierha jmut jew jirtira, skont il-kaz.*

*5.1 Illi ai termini tal-Artikolu 158(3)(c) tal-Kapitolu 12, u fid-dawl tas-suespost, jigi dikjarat illi filwaqt illi l-kontenut tal-ewwel tlett paragrafi tar-rikors mahluf mhuwiex ikkontestat, il-bqija tal-fatti kif dikjarati huma kontestati u jehtieg illi jigu ippruvati.*

*Bl-ispejjez kontra l-attur.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenuti.

Rat ir-risposta guramentata li pprezenta l-kjamat fil-kawza fis-7 ta` Jannar 2020 li taqra :-

*1.1 Illi preliminarjament, minn ezami tar-rikors guramentat jidher bic-car li l-Avukat tal-Istat mhux il-legittimu kontradittur f`din il-kawza ghaliex huwa ma jiffigura mkien fit-thaddim tal-ligijiet li qed jilmenta minnhom ir-rikorrent. Essenzjalment, huma l-Port Workers Board u l-Awtorità ghat-Trasport f`Malta li huma nkarigati mit-thaddim ta` tali ligijiet u ghalhekk, skont l-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Avukat tal-Istat ghandu jigi liberat minn dawn il-proceduri.*

*1.2 Illi mwahhad ma` dan, l-esponent lanqas ma ghandu locus standi fil-vesti tieghu rapprezentattivi tal-Gvern galadarba l-entitajiet responsabbli mit-thaddim tal-ligi digà qeghdin imharrkin fl-azzjoni odjerna.*

*2. Illi preliminarjament ukoll u bla pregudizzju ghall-paragrafu precedenti, fid-dawl tar-risposta guramentata tal-intimati, dan mhux il-forum adattat sabiex ir-rikorrenti ikun jista` jattakka l-ligijiet imsemmija minnu, u ghalhekk din l-azzjoni kontra l-Avukat tal-Istat ma tistax tissussisti stante li hija mproponibbli.*

*3. Illi minghajr pregudizzju u fil-mertu, kwalunkwe allegazzjonijiet u pretensjonijiet min-naha tar-rikorrent u tal-intimati fil-konfront tal-Avukat tal-Istat huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghaliex l-esponent ma jara li hemm l-ebda sura ta` diskriminazzjoni kontra r-rikorrent ghaliex huwa ma nghatax xi trattament differenti*

*minn dak li nghata lill-ulied ta` haddiema ohra li kienu jinsabu fl-istess qaghda legali bhal tieghu. Kemm hu hekk, qabel dahal l-Avviz Legali 135 tas-sena 2017, il-haddiema tal-port kollha u minghajr ebda distinzjoni, gew trattati ugwalment u ghaldaqstant ma kien hemm l-ebda diskriminazzjoni. Kienet tkun storja ohra li kieku mhux il-haddiema tal-port kollha ma kienu ttrattati l-istess qabel ma dahal fis-sehh l-imsemmi Avviz Legali tal-2017. Izda dan assolutament ma kienx il-kaz.*

*4. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz Amato Gauci vs. Malta deciz fil-15 ta` Dicembru 2012 ghallmet li : "...no discrimination is disclosed by a particular date being chosen for the commencement of a new legislative regime… The use of a cut-off date creating a difference in treatment is an inevitable consequence of introducing new systems which replace previous and outdated schemes. Moreover, the choice of such a cut-off date when introducing new regimes falls within the wide margin of appreciation afforded to a State when reforming its policies (see, mutatis mutandis, Twizell v. the United Kingdom, no. 25379/02, § 24, 20 May 2008)".*

*5. Illi fid-dawl tal-eccezzjonijiet imsemmija fuq, l-azzjoni odjerna mhix attribwibbli ghal xi nuqqas tal-Avukat tal-Istat u ghaldaqstant m`ghandux jigi soggett ghall-ispejjez tal-istanti;*

*6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kjamat fil-kawza.

**Rat illi skont il-verbal tal-udjenza tas-26 ta` April 2019 quddiem din il-qorti <u>diversament presjeduta</u> kellha tigi ppruvata, trattata u deciza l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti.**

**Rat illi fl-udjenza tas-7 ta` Lulju 2020 quddiem din il-qorti <u>kif presjeduta</u> l-partijiet inghataw direzzjoni fis-sens illi kellhom jigu trattati u decizi l-eccezzjonijiet preliminari kollha.**

Rat il-provi.

Semghet is-sottomissjonijiet.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum dwar l-eccezzjonijiet preliminari.

## II. Xiehda

**Av. Dr. Robert Vassallo** xehed illi huwa Senior Manager - Legal and International Affairs - Direttorat tal-Portijiet u Yachting – Awtorita` ghat-Trasport f`Malta.

Dwar Avviz Legali 90/1993, xehed illi kien il-Ministru tat-Trasport li hareg dawn ir-regolamenti. Skont Art 17 tal-Ordinanza dwar il-Haddiema tal-Port (Kap 171) huwa l-Ministru li jaghmel r-regolamenti. Dawn ir-regolamenti kienu fis-sehh meta missier l-attur ma kienx baqa` licenzjat u kienu jirregolaw il-licenzjar u r-registrazzjoni tal-haddiema tax-xatt.

Dwar Avviz Legali 312/2002, xehed illi kienu saru emendi ghar-regolamenti ezistenti u nghatat tifsira ghal persuna minuti.

Avviz Legali 135/2017 kienet l-ahhar emenda li saret.

Stqarr illi l-konvenuti ma johorgux Avvizi Legali izda japplikaw u jimplimentaw il-ligijiet u r-regolamenti li jaqghu taht il-mansjonijiet taghhom.

**Fil-kontroezami**, xehed illi l-Port Workers Board huwa entita` separata u distinta mill-Awtorita`. Il-membri tal-Bord huma appuntati mill-Ministru. Skont il-ligijiet vigenti hija l-Awtorita` flimkien mal-Bord li jirregolaw il-haddiema tax-xatt. Hija wkoll l-Awtorita li zzomm registru tal-haddiema. Hija wkoll l-Awtorita li flimkien mal-Bord tara jekk persuna tkunx eligibbli sabiex timla vakanza fix-xoghol tax-xatt.

Mistoqsi jekk l-Awtorita` flimkien mal-Bord tipprovdix dwar in-numru ta` haddiema li jkunu mehtiega fil-port, huwa wiegeb illi n-numru tal-haddiema jiddependi minn ftehim li kien sar mal-Gvern. L-

ghadd huwa ta` 380 haddiem. Jekk ikun hemm vakanza, hemm procedura li trid tkun osservata. Il-Bord javza lill-Awtorita` u din tirregistra l-haddiem tax-xatt skont il-procedura stabbilita bil-ligi.

Qal illi l-ufficcju tal-Port Workers Board jinsab il-Marsa fil-bini tal-Awtorita`. Il-Bord huwa kompost minn zewg membri rapprezentanti t-terminals, zewg membri rapprezentanti l-haddiema tax-xatt, kif ukoll Chairman u Segretarju li huma appuntati mill-Ministru. Il-fatt illi l-ufficcju tal-Bord jinsab fil-bini tal-Awtorita` ma jfissirx li l-Bord huwa kontrollat mill-Awtorita.

Ikkonferma li xi snin ilu l-attur ipprezenta protest gudizzjarju kontra l-Port Workers Board, u sar kontro-protest.

**<u>L-attur</u>** xehed illi huwa ilu jahdem bhala *casual port worker* fil-Freeport mill-2008. Missieru (illum irtirat) kien haddiem tax-xatt licenzjat. Dahal jahdem fis-sittinijiet u rtira bl-eta` fl-1996. Milli jaf hu, il-haddiema tax-xatt jithallsu mill-Awtorita` konvenuta.

Kompla jixhed illi ghalkemm missieru kellu dritt tal-wirt, billi meta rtira, huwa kien ghadu minuri, ma setax jiehu post missieru. Meta saret il-ligi fl-2017, mar ikellem lill-President tal-Malta Dockers Union, li huwa wkoll membru tal-Port Workers Board, biex ihares l-jeddijiet tieghu.

Qal illi jaf b`kazi bhal tieghu fejn meta saru kawzi, il-konvenuti kienu l-Port Workers Board u l-Awtorita` tat-Trasport.

Imsejjah bhala xhud mil-Avukat tal-Istat, r-rikorrent jixhed illi qabel ma kellem lil Ryan Fava, kien kellem ukoll lill-President ta` qabel Joe Saliba, li kien weghdom li malli jibdew jonqsu n-nies jibda jiehu minnhom. Ma kien kellem lil hadd aktar.

## III. <u>Il-verbal tad-29 ta` Ottubru 2020</u>

Fis-seduta tad-29 ta` Ottubru 2020, sar verbal mill-Av. Dr. Joseph Camilleri ghall-konvenuti fejn, in vista tal-indisposizzjoni tal-Av. Dr. Robert Vassallo, iddikjara li –

(i) L-entita` responsabbli ghal hrug ta` licenzja ta` haddiem tal-port hija l-Awtorita` konvenuta bl-approvazzjoni tal-Bord konvenut.

(ii) Id-disposizzjonijiet tal-Kap 171 tal-Ligijiet ta` Malta u r-regolamenti li bis-sahha tal-ligi principali huma applikati mill-konvenuti flimkien.

(iii) Rigward il-policies relatati mal-haddiema tal-port, dawn huma mfassla mill-Gvern b`konsultazzjoni mal-Awtorita` konvenuta.

(iv) Dwar liema huma l-entitajiet jew awtoritajiet li ghandhom rwol fil-qasam tal-port dawn huma l-Awtorita` konvenuta, il-Bord konvenut, il-Gvern, il-Ministru koncernat u l-Malta Dockers Union.

## IV Sottomissjonijiet

### 1. Il-konvenuti

L-attur jilmenta li l-ligi (inkluz l-emendi) hija diskriminatorja fil-konfront tieghu.

L-Awtorita` tapplika l-ligi skont l-obbligi li ghandha pero` la hi u lanqas il-Bord ma jaghmlu ligijiet u/jew regolamenti.

Ghalkemm l-attur jirreferi ghall-applikazzjoni tal-ligi, is-sostanza tal-ilment mhuwiex li l-Awtorita` qed thaddem il-ligi hazin.

### 2. L-intervenuta fil-kawza

Il-union la taghmel il-ligi u lanqas tapplikaha.

### 3. Il-kjamat fil-kawza

Jekk l-attur ried jimpunja l-ligi, ma kellux jirrikorri quddiem din il-qorti li ghandha kompetenza ordinarja izda kellu jiehu l-kaz ghall-qorti b`kompetenza kostituzzjonali.

Jekk l-attur qieghed jilmenta dwar l-applikazzjoni tal-ligi, il-kontradittur legittimu tieghu mhuwiex l-Avukat tal-Istat izda l-Awtorita` konvenuta.

## 4. **L-attur**

Jissottometti li l-azzjoni hija dikjaratorja.

Il-presenza tal-konvenuti odjerni fil-kawza hija krucjali in vista tat-talbiet.

Billi anke l-ligi nnfisha qeghda tkun attakkata, issejjah fil-kawza l-Avukat tal-Istat. L-ilment tieghu mhuwiex dwar diskriminazzjoni fl-ambitu ta` harsien ta` jeddijiet fondamentali, izda diskriminazzjoni bejn haddiem u iehor. Ghalhekk ighid li rrikorra quddiem qorti b`kompetenza ordinarja.

## V. **Risultanzi**

## 1. **L-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti**

L-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti hija ta` natura preliminari.

L-attur ighid li l-konvenuti huma legittimi kontradditturi tieghu in vista tan-natura tal-azzjoni.

Ghar-rigward tal-*locus standi* tal-konvenuti, il-kjamat fil-kawza jidher li jikkondividi l-linja tal-attur.

L-argument kollu tal-konvenuti joqghod fuq il-fatt li huma ma jillegislawx izda japplikaw ligijiet ; kwindi la qeghda tkun attakkata l-ligi, huma jistghux jitqiesu bhala kontradditturi tal-attur.

**a) <u>Il-Bord</u>**

Il-qorti tirreferi ghas-sentenza taghha (sede kostituzzjonali) tad-29 ta` Novembru 2018 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Victoria Cassar v. Avukat Generali et</u>** (liema sentenza kienet ikkonfermata fl-intier taghha mill-Qorti Kostituzzjonali b`decizjoni moghtija fis-7 ta` Ottubru 2019).

F`dik il-kawza, il-Bord kien parti mhux l-Awtorita`.

Parti ohra fil-kawza kien l-Avukat Generali ghaliex fit-talbiet ir-rikorrenti kienet qeghda titlob it-thassir ta` legislazzjoni.

Dak li nghad f`din is-sentenza dwar il-*locus standi* tal-Bord isib applikazzjoni fil-kawza odjerna.

Il-qorti rrilevat :-

*Dwar min ghandu jitqies bhala legittimu kontradittur f`azzjonijiet bhal dik tal-lum, il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza li tat fis-7 ta` Dicembru 1990 fil-kawza fl-ismijiet* ***Joseph Abela vs L-Onor. Prim Ministru et*** *inghad hekk :-*

*" ... fil-kawzi ta` natura kostituzzjonali bbazati fuq id-drittijiet fundamentali, il-legittimi kontradditturi ta` dawk l-azzjonijiet jinqasmu fi tliet kategoriji. L- ewwel kategorija tikkomprendi dak li huwa allegat li huma direttament jew indirettament, responsabbli, ghall-kummissjoni jew ommisjoni, ta` xi fatt li jikser xi dritt fundamentali protett mil-ligi; Fit-tieni kategorija huma dawk li ghall-ommissjonijiet jew kummissjonijiet tal-persuna tal-ewwel kategorija jistghu jkunu responsabbli biex jaghtu jew jiffornixxu r-rimedji li s-sentenza, li takkolji l-lament tal-ksur ta` dritt fundamentali, tissanzjoni. It-tielet kategorija mbaghad hemm dawk il-partijiet kollha li jkunu in kawza, meta l-kwistjoni kostituzzjonali tinqala` fuq jew waqt xi procedura gudizzjarja;" (enfasi tal-Qorti)*

*Ma hemmx dubju illi dak li wassal ghal dawn il-proceduri kollha sa minn l-ewwel kawza ntavolata minn Victoria Cassar lura fl-1993 kienet id- diskriminazzjoni a bazi ta` sess. Kien ghalhekk illi matul il-proceduri hija lmentat kemm dwar il-validita` tal-ligi, u kif ukoll mill-mod kif din giet applikata mill-Bord dwar il-Haddiema tal-Port, billi dan tal-ahhar sarraf fi pregudizzju fil-konfront taghha.*

***Il-Bord dejjem kien parti integrali fil-proceduri u ma setax jonqos milli jkun billi ladarba kien il-Bord li kien qieghed ihaddem il-ligi kellu allura jkun l-istess Bord illi jwiegeb ghal dak l-ghemil anke jekk ma kienx hu li ghamel ir-Regolamenti.***

*Ghandu jittiehed kont ukoll tal-fatt illi pendenti l-proceduri civili u kostituzzjonali, l-Bord ghadda l-licenzja li kienet ta` missier ir-rikorrenti lil huh Joseph Abela. Dan sehh nonostante talba specifika tal-attrici fir-rikors taghha fil-proceduri civili sabiex il-Bord ma jimpjega lil hadd.*

*Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell li kienet cara dwar il-kwistjoni.*

*Fis-sentenza tas-26 ta` Mejju 2017 (supra) kien stabbilit illi l-Bord applika l-ligi korrettement minkejja li dik il-ligi kienet sussegwentement dikjarata li tmur kontra l-Kostituzzjoni. Fil-mument li fih inqalghet il-vertenza, il-ligi kienet dik u l-Bord certament ma kellux ghazla ghajr illi jottempra ruhu u japplika dik il-ligi hekk kif kienet.*

*Il-Qorti tosserva wkoll illi l-Qorti tal-Appell iddikjarat illi l-Bord ma kienx responsabbli ghad-danni.*

***Ghalkemm il-Bord m`ghandux jintalab iwiegeb hu ghat-telf pekunjarju soffert mill-attrici, ma jistax jezimi ruhu minn kull responsabbilita` vis-a`-vis r-rikorrenti.***

***Il-Qorti sejra tichad l-eccezzjoni preliminari ta` Joseph Degabriele noe billi hija tal-fehma konsiderata illi anke ghall-fini tal- integrita` tal-gudizzju il-Bord huwa legittimu kontradittur.***

Il-Bord ihaddem il-ligi fl-ambitu ta` s-setghat u l-kompiti tieghu. Ghalkemm m`ghandux setgha jaghmel ligijiet u lanqas ighaddi regolamenti, irid iwiegeb ghall-ghemil tieghu propju ghaliex setghat u kompiti igorru maghhom obbligi.

**Safejn jirrigwarda l-Bord, l-eccezzjoni qeghda tkun respinta.**

**b) <u>L-Awtorita`</u>**

Fl-Art 2 tal-Kap 171, jinghad li kull fejn fl-Ordinanza ssir referenza ghal "Awtorita" dik tkun tfisser l-Awtorita` ghat-Trasport f`Malta u cioe` l-Awtorita` konvenuta. L-istess artikolu jaghti tifsira ta` *haddiem tal-port* u cioe` *persuna impjegata f`port fl-ghoti ta` servizzi ta` xorta temporanja li jinvolvu l-manigg ta` merkanzija fil-process ta` taghbija jew hatt ta` merkanzija ghal fuq jew minn fuq bastiment, minn jew ghal xi post fuq l-art,* ***persuna hekk impjegata jew awtorizzata mill-Awtorità*** *jew hekk impjegata minn principal ta` haddiema tal-port biex timmanigga merkanzija f`mahzen u persuna impjegata fil-manigg ta` merkanzija, li l-Ministru jista` minn zmien ghal zmien jippreskrivi, minn tinda tal-merkanzija in transit jew minn munzell jew minn fuq il-moll fl-apert ghal fuq vettura jew fit-tghaqqid, fl-aggruppar jew fl-izmuntar ta` merkanzija f`taghbija jew minn taghbija f`unità wahda f`port, u "xoghol fil-port" ghandha ghall-finijiet tal-Att tiftiehem skont hekk* (enfasi ta` din il-qorti). Imbaghad fl-Art 3 jinghad illi "*ebda persuna m`ghandha taghmilha ta` haddiem tal-port jekk ma tkunx* ***registrata bhala hekk mal-Awtorita`****, li ghandha zzomm registru ghal dak l-iskop*." (enfasi ta` din il-qorti).

**Fl-isfond ta` dak li tghid il-ligi stess, mhijiex fondata l-pretensjoni tal-Awtorita` konvenuta illi mhijiex legittima kontradittur tal-attur, tenut kont tan-natura tal-azzjoni attrici kif riflessa fil-premessi u fit-talbiet.**

Kontra ta` dak pretiz in sostenn tal-eccezzjoni, l-attur mhuwiex qieghed jitlob l-impunjazzjoni tar-regolamenti citati fl-ewwel talba izda l-applikazzjoni taghhom fil-konfront tieghu. Dawn huma l-parametri tal-azzjoni kif impostata mill-attur. Jirnexxielux jipprova dak li qed jitlob hija kwistjoni ta` mertu li ghad trid tkun mistharrga. Imma li l-Awtorita`, li tirrikonoxxi li l-kompitu taghha huwa li twettaq il-ligijiet (inkluz ir-regolamenti), tghid li m`ghandhiex *locus standi* fl-azzjoni kif promossa mill-attur hija posizzjoni legali nsostenibbli.

**L-ispejjez huma a kariku tal-konvenuti.**

## 2. <u>L-ewwel eccezzjoni tal-kjamat fil-kawza</u>

Din l-eccezzjoni hija ta` natura preliminari. L-Avukat tal-Istat jeccepixxi li abbazi tal-Art 181B tal-Kap 12 mhuwiex il-legittimu kontradittur tal-attur tenut kont tan-natura tal-azzjoni promossa mill-attur.

Il-qorti ssib li l-eccezzjoni hija fondata. Skont l-Art 181B(2) tal-Kap 12, l-Avukat tal-Istat (qabel l-Avukat Generali) jirrapprezenta lill-Gvern f`dawk l-atti u f`dawk l-azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra xi wiehed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-ohra tal-Gvern. Fil-kaz odjern, l-attur mhuwiex jitlob it-thassir ta` ligi jew regolamenti. Mhuwiex jirreklama ksur tal-jeddijiet fondamentali tieghu. Li qed jallega huwa li bl-applikazzjoni tar-regolamenti li ccita huwa qieghed ikun diskriminat u sejjes iz-zewg talbiet li ressaq fuq din il-pretensjoni. L-Avukat tal-Istat ma jinkwadra ruhu mkien fl-azzjoni kif promossa mill-attur, lanqas ghall-fini ta` integrita` ta` gudizzju peropju ghaliex l-Avukat tal-Istat mhuwiex involut fl-applikazzjoni tal-legislazzjoni citata mill-attur.

**Qeghda tilqa` l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-Avukat tal-Istat, spejjez ghall-attur, billi kien l-attur li talab u kiseb minn din il-qorti diversament presjeduta l-kjamata fil-kawza tal-Avukat Generali (illum Avukat tal-Istat) [ara fol 166 u 167].**

## <u>Decide</u>

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-qorti qeghda taqta` u tiddeciedi billi :**

**Tichad l-ewwel eccezzjoni preliminari taz-zewg konvenuti, spejjez ghall-konvenuti.**

**Tilqa` l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-kjamat fil-kawza, spejjez ghall-attur, u tillibera lill-Avukat tal-Istat mill-osservanza tal-gudizzju.**

**Tordna l-prosegwiment tal-kawza.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**